LINJAGWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-17 ta' Frar, 2005

dwar il-ħtiġijiet ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni statistika fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali fil-qasam ta' l-istatistiċi finanzjarji tal-gvern

(BĊE/2005/5)

(2005/327/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 5.1 u 5.2, l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3,

Billi:

(1) Sabiex tissodisfa d-dmirijiet tagħha, is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) teħtieġ statistiċi finanzjarji tal-gvern affidabbli (GFS).

(2) Il-proċeduri stabbiliti f'din il-Linjagwida ma jaffettwawx ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi fil-livell ta' l-Istati Membri u tal-Komunità.

(3) L-Artikolu 5.1 ta' l-Istatut jeħtieġ lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), megħjun mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊN), li jiġbor jew mingħand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew direttament mingħand aġenti ekonomiċi, l-informazzjoni statistika meħtieġa sabiex huwa jkun jista' jissodisfa d-dmirijiet tas-SEBĊ. L-Artikolu 5.2 jistipula li l-BĊN għandhom jissodisfaw, sakemm ikun possibbli, id-dmirijiet deskritti fl-Artikolu 5.1.

(4) Parti mill-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet statistiċi tas-SEBĊ fil-qasam tal-GFS tiġi kkompilata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mhux mill-BĊN. Għaldaqstant, uħud mid-dmirijiet li għandhom isiru taħt din il-Linjagwida jeħtieġu l-kooperazzjoni bejn is-SEBĊ u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, f'konformità ma' l-Artikolu 5.1 ta' l-Istatut u l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew [1].

(5) Hemm bżonn li jiġu stabbiliti proċeduri effiċjenti għall-iskambju ta' GFS fi ħdan is-SEBĊ, sabiex jiġi żgurat li s-SEBĊ jkollha GFS fil-ħin li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħha u li jkun hemm il-kompatibilità bejniethom u t-tbassir ta' l-istess varjabbli mhejjija mill-BĊN, irrispettivament minn jekk l-istatistiċi humiex ikkompilati mill-BĊN jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(6) Għal raġunijiet ta' konsistenza, il-ħtiġijiet tas-SEBĊ fil-qasam tal-GFS għandhom ikunu bbażati kemm jista' jkun fuq l-istandards statistiċi tal-Komunità stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal- 25 ta' Ġunju 1996 dwar is-Sistema Ewropea ta' Kontabilità Nazzjonali u Reġjonali fil-Komunità [2] (minn hawn iżjed 'il quddiem l-"ESA 95").

(7) It-Tabella 2 ("Aggregati prinċipali tal-gvern ġenerali") tal-Programm ta' Trasmissjoni fl-Anness B ta' l-ESA 95, disponibbli darbtejn fis-sena (b'intervalli ta' tliet jew tmien xhur wara t-tmiem ta' l-aħħar sena koperta) tkopri ħafna mill-informazzjoni bażika meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' rapportar għad- dħul u għall-ħruġ. Il-bqija ta' l-informazzjoni bażika meħtieġa sabiex jiġu kkompilati t-totali taż-żona ta' l-euro u ta' l-Unjoni Ewropea (UE) għad-dħul u għall-ħruġ għandha x'taqsam b'mod ewlieni mat-transazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-baġit ta' l-UE.

(8) Statistiċi ta' aġġustament ta' dejn u defiċit-dejn tal-gvern magħżulin huma disponibbli darbtejn fis-sena, qabel l-ewwel ta' Marzu u l-ewwel ta' Settembru, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93 tat-22 ta' Novembru 1993 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll fuq il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea [3]. It-Tabella 6 ("Kontijiet finanzjarji skond is-settur (transazzjonijiet)") u t-Tabella 7 ("Karti ta' bilanċ għal attivi u passivi finanzjarji") tal-Programm ta' Trasmissjoni fl-Anness B ta' l-ESA 95, inkluż il-kontijiet finanzjarji għas-settur tal-gvern ġenerali u għas-sub-setturi tiegħu, huma magħmulin disponibbli darba fis-sena (b'intervall ta' disa' xhur wara t-tmiem ta' l-aħħar sena koperta). Madankollu, dawn is-sorsi ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tas-SEBĊ fir-rigward tal-kopertura u tal-perjodiċità.

[1] ĠU L 318, tas-27.11.1998, p. 8.

[2] ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1267/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 180, tat-18.7.2003, p. 1).

[3] ĠU L 332, tal-31.12.1993, p. 7. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2002 (ĠU L 55, tas-26.2.2002, p. 23).

(9) Fir-rigward ta' l-istatistiċi ta' aġġustament tad-dejn u defiċit-dejn tal-gvern, is-SEBĊ teħtieġ ukoll *data* li mhijiex disponibbli mill-istatistiċi deskritti fuq, b'mod speċjali data fuq l-analiżi tad-djun skond il-maturità inizzjali u residwa, id-denominazzjoni u s-sidien, u ċ-ċirkolazzjonijiet l-oħra li jgħaqqdu t-transazzjonijiet hekk kif ivvalutati fis-suq, f'konformità ma' l-ESA 95, u l-bidliet fid-dejn tal-gvern fil-valur nominali, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 3605/93. Għaldaqstant, minkejja s-sorsi deskritti fuq, hemm bżonn ta' aktar kompilazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(10) Limitazzjonijiet fuq sistemi ta' ġbir tal-GFS u fuq ir-riżorsi jfissru li jista' jkun hemm bżonn li jingħataw derogi minn din il-Linjagwida.

(11) It-trasmissjoni mill-BĊN lill-BĊE ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali sseħħ kemm jista' jkun sabiex ikunu jistgħu jiġu sodisfatti d-dmirijiet tas-SEBĊ. Ir-reġim ta' kunfidenzjalità huwa stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 u l-Linjagwida BĊE/1998/NP28 tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar ir-regoli komuni u l-istandards minimi sabiex tiġi protetta l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni statistika individwali miġbura mill-Bank Ċentrali Ewropew bil-għajnuna tal-banek ċentrali nazzjonali [4].

(12) Hemm bżonn li tiġi stabbilita proċedura li biha jkunu jistgħu jsiru l-emendi tekniċi għall-Annessi ma' din il-Linjagwida b'mod effettiv, sakemm emendi bħal dawn la jbiddlu l-qafas kunċettwali bażi u lanqas jaffettwaw il-piż ta' rapportar. Meta tkun qegħda tiġi segwita l-proċedura, għandu jingħata kas ta' l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' l-Istatistiċi tas-SEBĊ. Il-BĊN jista' jipproponi emendi tekniċi bħal dawn għall-Annessi permezz tal-Kumitat ta' l-Istatistiċi.

(13) Skond l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 ta' l-Istatut, il-linji ta' gwida tal-BĊE jiffurmaw parti integrali mil-liġi tal-Komunità,

ADOTTA DIN IL-LINJAGWIDA:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din il-Linjagwida:

1. "Stat Membru parteċipanti" tfisser Stat Membru li adotta l-munita unika skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

2. "żona ta' l-euro" tfisser it-territorju ekonomiku ta' l-Istati Membri parteċipanti, u l-BĊE;

3. "dejn li għandu rata ta' imgħax varjabbli" tfisser dejn f'dawk l-istrumenti finanzjarji li l-ħlasijiet b'kupuni mhumiex perċentwal predeterminat tal-kapital, iżda jiddependu fuq tielet rata ta' imgħax jew ta' redditu jew fuq indikatur ieħor;

4. "statistiċi ta' dħul u ħruġ" tfisser l-istatistiċi li jinsabu fit-Tabella 1A, Tabella 1B u Tabella 1Ċ ta' l-Anness I;

5. "statistiċi ta' aġġustament defiċit-dejn" tfisser l-istatistiċi li jinsabu fit-Tabella 2A u fit-Tabella 2B ta' l- Anness I;

6. "statistiċi tad-dejn" tfisser l-istatistiċi li jinsabu fit-Tabella 3A u Tabella 3B ta' l-Anness I;

7. "sett sħiħ ta' *data*" tfisser il-kategoriji taħt "statistiċi ta' dħul u ħruġ", "statistiċi ta' aġġustament defiċit-dejn" u "statistiċi ta' dejn";

8. "kategoriji prinċipali" u "kategoriji sekondarji" tfisser il-kategoriji msejjħa b'dan il-mod fl-Anness I;

9. "sett parzjali ta' *data*" tfisser il-kategoriji kollha jew il-kategoriji prinċipali taħt waħda milli ġejjin: "statistiċi ta' dħul u ħruġ", "statistiċi ta' aġġustament defiċit-dejn" jew "statistiċi ta' dejn".

Artikolu 2

Obbligi ta' rapportar statistiku tal-BĊN

1. Il-BĊN għandhom jirrapportaw il-GFS lill-BĊE, kif speċifikat fl-Anness I, fuq bażi ta' darba fis-sena kalendarja. Id-*data* għandha tikkonforma mal-prinċipji u mad-definizzjonijiet ta' l-ESA 95 u tar-Regolament (KE) Nru 3605/93, kif deskritti aktar fid-dettall fl-Anness II.

2. Id-*data* għandha tkopri l-perjodu minn 1991 sas-sena li magħha għandha x'taqsam it-trasmissjoni (sena t-1).

3. Id-*data* dwar defiċit/bilanċ, dejn, dħul, infiq jew il-prodott gross domestiku (PGD) nominali għandha tkun akkompanjata b'raġunijiet għal reviżjonijiet meta l-ammont ta' bidla għad-defiċit/bilanċ ikkawżat mir-reviżjonijiet ikun għallinqas 0.3 % tal-PGD jew l-ammont ta' bidla għad-dejn, dħul, infiq jew PGD nominali kkawżat minn reviżjonijiet ikun għallinqas 0.5 % tal-PGD.

Artikolu 3

Obbligi ta' rapportar statistiku tal-BĊE

1. Fuq il-bażi tad-*data* rrapportata mill-BĊN, il-BĊE għandu jamministra l-"bażi ta' *data* tal-GFS", li tinkludi ż-żona ta' l-euro u aggregati ta' l-UE. Il-BĊE għandu jqassam il-bażi ta' *data* tal-GFS lill-BĊN.

[4] Ippubblikat fil-ĠU L 55, ta' l-24.2.2001, p. 72, bħala Anness III għad-Deċiżjoni BĊE/2000/12 ta' l-10 ta' Novembru 2000 dwar il-pubblikazzjoni ta' ċerti atti legali u strumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew.

2. Il-BĊN għandhom jimmarkaw l-informazzjoni statistika tagħhom billi jindikaw lil min din tista' tkun magħmula disponibbli. Il-BĊE għandu jqis dan l-immarkar meta jqassam il-bażi ta' *data* tal-GFS.

Artikolu 4

Perjodiċità

1. Il-BĊN għandu jirrapporta settijiet sħaħ ta' *data* darbtejn fis-sena, qabel il-15 ta' April u qabel il-15 ta' Settembru.

2. Il-BĊN għandhom jirrapportaw fuq l-inizjattiva tagħhom stess settijiet parzjali ta' *data*, bejn iż-żewġ rapporti deskritti fil-paragrafu wieħed, meta jkun hemm informazzjoni ġdida disponibbli. Meta jiġi rrapportat sett parzjali ta' *data* li jkopri l-kategoriji prinċipali biss, il-BĊN jistgħu jipprovdu wkoll stimi tal-kategoriji sekondarji.

3. Il-BĊE għandu jqassam il-bażi ta' *data* tal-GFS lill-BĊN għallinqas darba fix-xahar, mhux aktar tard mill-jum ta' xogħol ta' wara tal-BĊE wara li l-BĊE jiffinalizza d-data għall-pubblikazzjoni.

Artikolu 5

Kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

1. Fejn is-sors ta' xi jew tad-data u ta' l-informazzjoni kollha deskritta fl-Artikolu 2 huma awtoritajiet nazzjonali kompetenti mhux il-BĊN, il-BĊN għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jistabbilixxu ma' dawk l-awtotitajiet, il-mezzi addattati ta' ko-operazzjoni sabiex tiġi żgurata struttura permanenti ta' trasmissjoni ta' *data* sabiex jiġu sodisfatti l-istandards u l-ħtiġijiet tekniċi tas-SEBĊ, sakemm l-istess riżultat ma jkunx diġà ntlaħaq fuq il-bażi ta' leġislazzjoni nazzjonali.

2. Meta, waqt din il-ko-operazzjoni, BĊN ma jkunx jista' jikkonforma mal-ħtiġijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 4 minħabba li l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tkunx ipprovdiet lill-BĊN bl-informazzjoni meħtieġa, il-BĊE u l-BĊN għandhom jiddiskutu ma' dik l-awtorità kif l-informazzjoni tista' tkun magħmula disponibbli.

Artikolu 6

Trasmissjoni u standards ta' kodifikazzjoni

Il-BĊN u l-BĊE għandhom jużaw l-istandards speċifikati fl-Anness III sabiex jittrasmettu u jikkodifikaw id-*data* deskritta fl-Artikoli 2 u 3. Din il-ħtieġa ma timpedixxix l-użu ta' xi mezzi oħra ta' trasmissjoni ta' informazzjoni statistika lill-BĊE bħala soluzzjoni ta' rikorrenza.

Artikolu 7

Kwalità

1. Il-BĊE u l-BĊN għandhom jimmonitorjaw u jippromwovu l-kwalità tad-*data* rrapportata lill-BĊE.

2. Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jirrapporta ta' kull sena lill-Kunsill Governattiv tal-BĊE fuq il-kwalità tal-GFS annwali.

3. Ir-rapport għandu jindirizza, għallinqas, il-kopertura tad-*data*, kemm tikkonforma mad-definizzjonijiet relevanti, u l-ammont ta' reviżjonijiet.

Artikolu 8

Derogi

1. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għandu jagħti derogi lil dawk il-BĊN li ma jkunux jistgħu jikkonformaw mal-ħtiġijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 4(1). Id-derogi mogħtija huma elenkati fl-Anness IV.

2. BĊN li jkun ingħata deroga għal perjodu speċifiku ta' żmien għandu jinforma lill-BĊE ta' kull sena bil-passi li għandhom jittieħdu sabiex jikkonforma b'mod sħiħ mal-ħtiġijiet ta' rapportar.

3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għandu jirrevedi d-derogi kull sena.

Artikolu 9

Proċedura ssimplifikata ta' emenda

Filwaqt li jqis l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' l-Istatistiċi, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jkun intitolat jagħmel emendi għall-Annessi għal din il-Linjagwida, sakemm emendi bħal dawn la jbiddlu l-qafas kunċettwali bażi u lanqas ma jaffettwaw il-piż ta' rapportar.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Din il-Linjagwida għandha tidħol fis-seħħ jumejn wara l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 11

Indirizzata

Din il-Linjagwida hija indirizzata lill-BĊN ta' l-Istati Membri parteċipanti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, nhar is-17 ta' Frar, 2005.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

ANNESS I

ĦTIĠIJIET TA' RAPPORTAR TA' DATA

Is-sett sħiħ tad-*data* jinkludi statistiċi dwar id-dħul u l-ħruġ (Tabella 1A, Tabella 1B u Tabella 1Ċ), statistiċi ta' aġġustament defiċit-dejn (Tabella 2A u Tabella 2B) u statistiċi ta' dejn (Tabella 3A u Tabella 3B). Il-kategoriji ewlenin huma dawk miktubin b'tipa skura, filwaqt li l-oħrajn huma kategoriji sekondarji. Settijiet ta' *data* parzjali jinkludu għallinqas il-kategoriji ewlenin taħt statistiċi dwar id-dħul u l-ħruġ. Il-kategoriji jirreferu għas-settur tal-gvern ġenerali sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.

STATISTIĊI TAD-DĦUL U TAL-ĦRUĠ

Tabella 1A

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
Defiċit (–) jew bilanċ (+)	1 = 7 – 8 = 2 + 3 + 4 + 5
Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern ċentrali	2
Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern statali	3
Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern lokali	4
Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-fondi tas-sigurtà soċjali	5
Defiċit (–) jew bilanċ (+) primarju	6 = 1 + 26
Dħul totali	7 = 9 + 31
Ħruġ totali	8 = 21 + 33
Dħul kurrenti	9 = 10 + 13 + 15 + 18 + 20
Taxxi diretti	10
li għandhom jitħallsu minn korporazzjonijiet	11
li għandhom jitħallsu minn djar	12
Taxxi indiretti	13
li huma VAT	14
Kontribuzzjonijiet soċjali	15
li huma kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem	16
li huma kontribuzzjonijiet soċjali ta' l-impjegati	17
Dħul kurrenti ieħor	18
li huwa imgħax li jrid jiġi rċevut	19
Bejgħ	20
Ħruġ kurrenti	21 = 22 + 26 + 27 + 29
Trasferimenti kurrenti	22 = 23 + 24 + 25
Pagamenti soċjali	23
Sussidji li jridu jitħallsu	24
Trasferimenti kurrenti oħra li jridu jitħallsu	25
Imgħax li jrid jitħallas	26
Kumpens ta' l-impjegati	27
li huma pagi u salarji	28
Konsum intermedju	29
Tfaddil gross	30 = 9 – 21
Dħul kapitali	31

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
li huwa taxxi kapitali	32
Infiq kapitali	33 = 34 + 35 + 36
Investiment	34
Akkwisti netti oħra ta' assi mhux finanzjarji	35
Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu	36
Partiti tal-memorandum	
defiċit (–) jew bilanċ (+) ta' l-EDP	37
imgħax fuq l-EDP li jrid jitħallas	38
Dħul mill-bejgħ ta' liċenzji tal-UMTS	39
Kontribuzzjonijiet soċjali attwali	40
Benefiċċji soċjali għajr trasferimenti soċjali mhux fi flus	41
Prodott gross domestiku	42
Prodott gross domestiku bi prezzijiet kostanti	43
Investiment tal-gvern bi prezzijiet kostanti	44

Tabella 1B

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
Ħlasijiet minn Stat Membru lill-baġit ta' l-UE	1 = 2 + 4 + 5 + 7
Taxxi indiretti li jridu jiġu rċevuti mill-baġit ta' l-UE	2
li huma VAT rċevuta mill-baġit ta' l-UE	3
Ko-operazzjoni internazzjonali kurrenti li trid titħallas mill-gvern lill-baġit ta' l-UE	4
Trasferimenti kurrenti mixxellanji li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit ta' l-UE	5
li huma r-raba' riżorsa proprja ta' l-UE	6
Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit ta' l-UE	7
Infiq ta' l-UE fl-Istat Membru	8 = 9 + 10 + 11 + 12 + 13
Sussidji li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE	9
Trasferimenti kurrenti li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lill-gvern	10
Trasferimenti kurrenti li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lil unitajiet mhux governattivi	11
Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lill-gvern	12
Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lil unitajiet mhux governattivi	13
Dħul nett mill-baġit ta' l-UE (riċevitur nett +, kontributur nett -)	14 = 8 – 1
Partita tal-memorandum	
Spejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprji	15

Tabella 1Ċ

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
Infiq fuq il-konsum finali	1 = 2 + 3 = 4 + 5 + 6 + 7 + 8 + 9 – 10
Infiq fuq il-konsum individwali	2
Infiq fuq il-konsum kollettiv	3

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
Kumpens ta' l-impjegati	4 = [1A.27] (1)
Konsum intermedju	5 = [1A.29]
Trasferimenti soċjali mhux fi flus fornuti permezz ta' produtturi tas-suq	6
Konsum ta' kapital fiss	7
Taxxi fuq il-produzzjoni mħallsa nieqes is-sussidji rċevuti	8
Bilanċ nett tat-tħaddim	9
Bejgħ	10 = [1A.20]
Partita tal-memorandum	
Infiq fuq il-konsum finali bi prezzijiet kostanti	11

STATISTIĊI TA' AĠĠUSTAMENT DEFIĊIT-DEJN

Tabella 2A

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
Defiċit (–) jew bilanċ (+)	1 = [1A.1]
Aġġustament bejn kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji	2 = 1 – 3
Transazzjonijiet netti f'assi u passivi finanazjarji	3 = 4 – 15
Transazzjonijiet f'assi finanazjarji (konsolidati)	4 = 5 + 6 + 7 + 8 + 9 + 13
Transazzjonijiet f'valuti u f'depożiti	5
Transazzjonijiet f'titoli mhux ishma — titoli (ta' sigurtà) fuq perjodu ta' żmien qasir u fuq perjodu ta' żmien twil	6
Transazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji	7
Transazzjonijiet f'self	8
Transazzjonijiet f'ishma u f'ishma azzjonarji oħra	9
Privatizzazzjoni	10
Injezzjonijiet ta' ishma azzjonarji	11
Oħrajn	12
Transazzjonijiet f'assi finanzjarji oħra	13
li huma taxxi dovuti nieqes id-dħul mit-taxxa f'kontanti	14
Transazzjonijiet f'passivi (konsolidati)	15 = 16 + 17 + 18 + 19 + 20 + 22
Transazzjonijiet f'valuti u f'depożiti	16
Transazzjonijiet f'titoli mhux ishma — titoli (ta' sigurtà) fuq perjodu ta' żmien qasir	17
Transazzjonijiet f'titoli mhux ishma — titoli (ta' sigurtà) fuq perjodu ta' żmien twil	18
Transazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji	19
Transazzjonijiet f'self	20
li huma self mill-bank ċentrali	21
Transazzjonijiet f'passivi oħra	22
Transazzjonijiet fi strumenti ta' dejn (konsolidati) = ħtieġa ta' self tal-gvern ġenerali (GGBR)	23 = 16 + 17 + 18 + 20 23 = 25 + 26 + 27 23 = 2 – 1 + 4 – 19 – 22
Transazzjonijiet fi strumenti ta' dejn fuq perjodu ta' żmien fit-tul	24

(1) [x.y] tirreferi għan-numru tal-kategorija y tat-Tabella x.

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
Transazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati fil-valuta nazzjonali	25
Transazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati f'valuta barranija parteċipanti (2)	26
Transazzjonijiet fi strumenti ta' dejn denominati f'valuta barranija mhux parteċipanti	27
Ċirkolazzjonijiet oħra	28 = 29 + 32
Effetti tal-valutazzjoni fuq id-dejn	29 = 30 + 31
Profitt u telf mill-kambju ta' investimenti	30
Effetti oħra ta' valutazzjoni — valur apparenti	31
Bidliet oħra fil-volum ta' dejn	32
Bidla fid-dejn	33 = 23 + 28 33 = 2 – 1 + 4 – 19 – 22 + 28

Tabella 2B

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
Transazzjonijiet fi strumenti ta' dejn — mhux konsolidati	1 = 2 + 3 + 4 + 5 + 6
Transazzjonijiet f'valuti u f'depożiti (passivi) — mhux konsolidati	2
Transazzjonijiet f'titoli (ta' sigurtà) fuq perjodu ta' żmien qasir (passivi) — mhux konsolidati	3
Transazzjonijiet f'titoli (ta' sigurtà) fuq perjodu ta' żmien twil (passivi) — mhux konsolidati	4
Transazzjonijiet f'self minn bank ċentrali	5
Transazzjonijiet f'self ieħor (passivi) — mhux konsolidati	6
Transazzjonijiet konsolidattivi	7 = 8 + 9 + 10 + 11
Transazzjonijiet konsolidattivi — valuta u depożiti	8 = 2 – [2A.16]
Transazzjonijiet konsolidattivi — titoli (ta' sigurtà) fuq perjodu ta' żmien qasir	9 = 3 – [2A.17]
Transazzjonijiet konsolidattivi — titoli (ta' sigurtà) fuq perjodu ta' żmien twil	10 = 4 – [2A.18]
Transazzjonijiet konsolidattivi — self	11 = 6 – [2A.20] – [2A.21]

DEJN STATISTIĊI

Tabella 3A

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
Dejn	1 = 2 + 3 + 4 + 5 + 6 = 7 + 12 = 15 + 16 + 17 = 18 + 19 = 21 + 22 + 24 = 26 + 27 + 28 + 29
Dejn — valuta u depożiti (passivi)	2
Dejn — titoli (ta' sigurtà) fuq perjodu ta' żmien qasir (passivi)	3
Dejn — titoli (ta' sigurtà) fuq perjodu ta' żmien twil (passivi)	4
Dejn — self minn bank ċentrali (passivi)	5
Dejn — self ieħor (passivi)	6

(2) Li għandha tiġi rrapportata għas-snin ta' qabel ma l-Istat Membru sar Stat Membru parteċipant.

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
Dejn miżmum minn residenti ta' l-Istat Membru	7 = 8 + 9 + 10 + 11
Dejn miżmum minn bank ċentrali	8
Dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra	9
Dejn miżmum minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra	10
Dejn miżmum minn residenti oħra ta' l-Istat Membru	11
Dejn miżmum minn mhux-residenti ta' l-Istat Membru	12 = 13 + 14
Dejn miżmum minn mhux-residenti ġewwa ż-żona ta' l-euro	13
Dejn miżmum minn mhux-residenti barra ż-żona ta' l-euro	14
Dejn denominat f'valuta nazzjonali	15
Dejn denominat f'valuta barranija parteċipanti	16
Dejn denominat f'valuta barranija mhux parteċipanti	17
Dejn fuq perjodu ta' żmien qasir	18
Dejn fuq perjodu ta' żmien twil	19
li għandu rata ta' imgħax varjabbli	20
Dejn b'maturità residwa sa sena	21
Dejn b'maturità residwa ta' aktar minn sena sa 5 snin	22
li għandu rata ta' imgħax varjabbli	23
Dejn b'maturità residwa ta' aktar minn 5 snin	24
li għandu rata ta' imgħax varjabbli	25
Komponent ta' dejn tal-gvern ċentrali	26 = [3B.7] – [3B.15]
Komponent ta' dejn tal-gvern statali	27 = [3B.9] – [3B.16]
Komponent ta' dejn tal-gvern lokali	28 = [3B.11] – [3B.17]
Komponent ta' dejn tal-fondi tas-sigurtà soċjali	29 = [3B.13] – [3B.18]
Partiti tal-memorandum	
Maturità residwa medja tad-dejn	30
Dejn — bonds ta' bla kupun	31

Tabella 3B

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
Dejn (mhux konsolidat)	1 = 7 + 9 + 11 + 13
Elementi konsolidattivi	2 = 3 + 4 + 5 + 6 = 8 + 10 + 12 + 14 = 15 + 16 + 17 + 18
Elementi konsolidattivi — valuta u depożiti	3
Elementi konsolidattivi — titoli (ta' sigurtà) fuq perjodu ta' żmien qasir	4
Elementi konsolidattivi — titoli (ta' sigurtà) fuq perjodu ta' żmien twil	5
Elementi konsolidattivi — self	6
Dejn maħruġ mill-gvern ċentrali	7
li huwa miżmum minn sub-setturi oħra tal-gvern	8
Dejn maħruġ mill-gvern statali	9
li huwa miżmum minn sub-setturi oħra tal-gvern	10
Dejn maħruġ mill-gvern lokali	11
li huwa miżmum minn sub-setturi oħra tal-gvern	12

Kategorija	Nru u relazzjoni linejari
Dejn maħruġ mill-fondi tas-sigurtà soċjali	13
li huwa miżmum minn sub-setturi oħra tal-gvern	14
Partiti tal-memorandum	
Pussess mill-gvern ċentrali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet f'sub-setturi oħra tal-gvern	15
Pussess mill-gvern statali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet f'sub-setturi oħra tal-gvern	16
Pussess mill-gvern lokali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet in sub-setturi oħra tal-gvern	17
Pussess mill-fondi tas-sigurtà soċjali ta' dejn maħruġ mill-unitajiet f'sub-setturi oħra tal-gvern	18

ANNESS II

DEFINIZZJONIJIET METODOLOĠIĊI

1. **Referenzi metodoloġiċi**

Il-kategoriji deskritti fid-dettall fl-Anness I huma, b'mod ġenerali, definiti b'referenza għall-Anness A għall-ESA 95 u/jew għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93. Definizzjonijiet metodoloġiċi kumplimentari huma stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' din il-Linja Gwida. B'mod partikolari, il-kodiċi li jirreferu għas-setturi u għas-sub-setturi huma deskritti fid-dettall fit-Tabella li ġejja.

Setturi u sub-setturi fl-ESA 95

		Pubbliċi	Nazzjonali privati	Ikkontrollati minn barranin
Ekonomija totali	S.1			
Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	S.11	S.11001	S.11002	S.11003
Korporazzjonijiet finanzjarji	S.12			
Bank ċentrali	S.121			
Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji oħra	S.122	S.12201	S.12202	S.12203
Intermedjarji finanzjarji oħra, għajr korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni	S.123	S.12301	S.12302	S.12303
Awżiljarji finanzjarji	S.124	S.12401	S.12402	S.12403
Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni	S.125	S.12501	S.12502	S.12503
Gvern ġenerali	S.13			
Gvern ċentrali	S.1311			
Gvern statali	S.1312			
Gvern lokali	S.1313			
Fondi tas-sigurtà soċjali	S.1314			
Djar	S.14			
Istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu d-djar	S.15			
Bqija tad-dinja	S.2			
L-UE	S.21			
Il-pajjiżi membri ta' l-UE	S.211			
L-istituzzjonijiet ta' l-UE	S.212			
Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali	S.22			

2. **Definizzjoni tal-kategoriji** [1]

Tabella 1A

1. Defiċit (–) jew bilanċ (+) [1A.1] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.13.

2. Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern ċentrali [1A.2] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1311.

3. Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern statali [1A.3] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1312.

4. Defiċit (–) jew bilanċ (+) tal-gvern lokali [1A.4] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1313.

5. Defiċit (–) jew bilanċ (+) ta' fondi tas-sigurtà soċjali [1A.5] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett (–) (B.9) ta' S.1314.

[1] [x.y] tirreferi għan-numru tal-kategorija y tat-Tabella x.

6. Defiċit (–) jew bilanċ (+) primarju [1A.6] hija ugwali għal defiċit (–) jew bilanċ (+) [1A.1], miżjuda bl-imgħax li jrid jitħallas [1A.26].

7. Dħul totali [1A.7] hija ugwali għad-dħul kurrenti [1A.9], miżjuda bid-dħul kapitali [1A.31].

8. Ħruġ totali [1A.8] hija ugwali għall-ħruġ kurrenti [1A.21], miżjuda bl-infiq kapitali [1A.33].

9. Dħul kurrenti [1A.9] hija ugwali għat-taxxi diretti [1A.10], miżjuda bit-taxxi indiretti [1A.13], miżjuda bil-kontribuzzjonijiet soċjali [1A.15], miżjuda bi dħul kurrenti ieħor [1A.18], miżjuda bil-bejgħ [1A.20].

10. Taxxi diretti [1A.10] hija ugwali għal taxxi kurrenti fuq id-dħul u fuq il-ġid, eċċ. (D.5) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

11. Taxxi diretti li għandhom jitħallsu minn korporazzjonijiet [1A.11] hija ugwali għal taxxi kurrenti fuq id-dħul u fuq il-ġid, eċċ. (D.5) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13 u użu ta' S.11 u S.12.

12. Taxxi diretti li għandhom jitħallsu minn djar [1A.12] hija ugwali għal taxxi kurrenti fuq id-dħul u fuq il-ġid, eċċ. (D.5) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13 u użu ta' S.14.

13. Taxxi indiretti [1A.13] hija ugwali għal taxxi fuq il-produzzjoni u importazzjonijiet (D.2) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13, miżjuda bit-taxxi indiretti li jridu jiġu rċevuti mill-baġit ta' l-UE [1B.2].

14. Taxxi indiretti li huma VAT [1A.14] hija ugwali għal taxxi tat-tip tal-valur miżjud (D.211) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13 u S.212.

15. Kontribuzzjonijiet soċjali [1A.15] hija ugwali għal kontribuzzjonijiet soċjali (D.61) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

16. Kontribuzzjonijiet soċjali li huma kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem [1A.16] hija ugwali għal kontribuzzjonijiet soċjali attwali ta' min iħaddem (D.6111) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

17. Kontribuzzjonijiet soċjali li huma kontribuzzjonijiet soċjali ta' l-impjegati [1A.17] hija ugwali għall-kontribuzzjonijiet soċjali ta' l-impjegati (D.6112) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

18. Dħul kurrenti ieħor [1A.18] hija ugwali għal dħul minn proprjetà (D.4), pretensjonijiet minn assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja (D.72), ko-operazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74), u trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13, għajr riżorsi ta' imgħax ta' S.13 (D.41) li huma wkoll użu ta' S.13, miżjuda bid-dħul minn sussidji oħra fuq il-produzzjoni (D.39) li huma użu ta' S.13, nieqes it-trasferimenti kurrenti li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lill-gvern [1B.10], miżjuda bid-dħul nett mill-baġit ta' l-UE [1B.14], jekk pożittiv.

19. Dħul kurrenti ieħor li huwa imgħax li jrid jiġi rċevut [1A.19] hija ugwali għal imgħax (D.41) imniżżel fost ir-riżorsi ta' S.13 u użu tas-setturi kollha għajr S.13.

20. Bejgħ [1A.20] hija ugwali għall-produttività tas-suq (P.11), miżjuda bil-produttività għal użu finali proprju (P.12), miżjuda b'pagamenti minn produttività oħra mhux tas-suq (P.131) imniżżel fost ir-riżorsi ta' S.13.

21. Ħruġ kurrenti [1A.21] hija ugwali għal trasferimenti kurrenti [1A.22], miżjuda bl-imgħax li jrid jitħallas [1A.26], miżjuda bil-kumpens ta' l-impjegati [1A.27], miżjuda bil-konsum intermedju [1A.29].

22. Trasferimenti kurrenti [1A.22] hija ugwali għal pagamenti soċjali [1A.23], miżjuda b'sussidji [1A.24], miżjuda bi trasferimenti kurrenti oħra li jridu jitħallsu [1A.25].

23. Pagamenti soċjali [1A.23] hija ugwali għal benefiċċji soċjali għajr trasferimenti soċjali mhux fi flus (D.62), miżjuda bi trasferimenti soċjali mhux fi flus relatati ma' l-infiq fuq prodotti fornuti lid-djar permezz ta' produtturi tas-suq (D.6311 + D.63121 + D.63131) irreġistrati fost utenti ta' S.13, miżjuda bi trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) irreġistrati fost użu ta' S.13 u riżorsi ta' S.15.

24. Sussidji li jridu jitħallsu [1A.24] hija ugwali għal sussidji (D.3) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13, miżjuda bis-sussidji li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE [1B.9] lil residenti nazzjonali.

25. Trasferimenti kurrenti oħra li jridu jitħallsu [1A.25] hija ugwali għal taxxi kurrenti fuq id-dħul u fuq il-ġid, eċċ. (D.5), taxxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29), dħul minn proprjetà (D.4) minbarra imgħax (D.41), primjums ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja (D.71), ko-operazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) irreġistrata fost utenti ta' S.13, u trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) irreġistrati fost utenti ta' S.13 u riżorsi tas-setturi kollha għajr S.15, nieqes it-trasferimenti kurrenti (D.74 u D.75) li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit ta' l-UE [1B.4 u 1B.5], nieqes id-dħul nett mill-baġit ta' l-UE [1B.14] jekk negattiv.

26. Imgħax li jrid jitħallas [1A.26] hija ugwali għal imgħax (D.41) irreġistrat fost użu ta' S.13 u riżorsi tas-setturi kollha għajr ta' S.13.

27. Kumpens ta' l-impjegati [1A.27] hija ugwali għall-kumpens ta' l-impjegati (D.1) irreġistrat fost użu ta' S.13.

28. Kumpens ta' l-impjegati li huwa pagi u salarji [1A.28] hija ugwali għal pagi u salarji (D.11) irreġistrat fost użu ta' S.13.

29. Konsum intermedju [1A.29] hija ugwali għal konsum intermedju (P.2) irreġistrat fost użu ta' S.13.

30. Tfaddil gross [1A.30] hija ugwali għal dħul kurrenti [1A.9], nieqes il-ħruġ kurrenti [1A.21].

31. Dħul kapitali [1A.31] hija ugwali għal trasferimenti kapitali li jridu jiġu rċevuti (D.9) irreġistarti fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13, u rreġistrat bħala trasferiment kapitali li jrid jitħallas mis-setturi kollha għajr S.13, nieqes trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lill-gvern [1B.12].

32. Dħul kapitali li huwa taxxi kapitali [1A.32] hija ugwali għal taxxi kapitali (D.91) irreġistrati fost il-bidliet fil-passivi u fil-valur nett ta' S.13.

33. Infiq kapitali [1A.33] hija ugwali għal investiment [1A.34], miżjuda b'akkwisti netti oħra ta' assi mhux finanzjarji [1A.35], miżjuda bi trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu [1A.36].

34. Investiment [1A.34] hija ugwali għal formazzjoni ta' kapital fiss gross (P.51) irreġistrat fost bidliet fl-assi ta' S.13.

35. Akkwisti netti oħra ta' assi mhux finanzjarji [1A.35] hija ugwali għaż-żjieda fl-inventarji (P.52), akkwist nett ta' oġġetti ta' valur (P.53), u akkwist nett ta' assi mhux prodotti, mhux finanzjarji (K.2) irreġistrati fost bidliet fl-assi ta' S.13.

36. Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu [1A.36] hija ugwali għal trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu (D.9) irreġistrati fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13, u rreġistrati bħala trasferiment kapitali li jrid jiġi rċevut mis-setturi kollha għajr S.13, miżjuda bi trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lill-unitajiet mhux governattivi [1B.13], nieqes trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit ta' l-UE [1B.7].

37. Defiċit (–) jew bilanċ (+) ta' l-EDP (proċedura ta' defiċit eċċessiv) [1A.37] hija ugwali għal tislif nett (+)/self nett (–) ta' l-EDP (EDPB.9) ta' S.13.

38. Imgħax fuq l-EDP li jrid jitħallas [1A.38] hija ugwali għal imgħax fuq l-EDP (EDPD.41) irreġistrat fost użu ta' S.13 u r-riżorsi tas-setturi kollha għajr S.13.

39. Dħul mill-bejgħ ta' liċenzji tal-UMTS (sistemi universali tat-telekomunikazzjoni bil-*mobile*) [1A.39] hija ugwali għaddħul li ġej mill-bejgħ tat-tielet ġenerazzjoni ta' liċenzji ta' *mobile phones*, irreġistrat bħala tneħħija ta' ass mhux finanzjarju skond deċiżjoni tal-Eurostat dwar l-allokazzjoni ta' liċenzji tal-*mobile phones*.

40. Kontribuzzjonijiet soċjali attwali [1A.40] hija ugwali għal kontribuzzjonijiet soċjali attwali (D.611) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13.

41. Benefiċċji soċjali għajr trasferimenti soċjali mhux fi flus [1A.41] hija ugwali għal benefiċċji soċjali għajr trasferimenti soċjali mhux fi flus (D.62) irreġistrati fost użu ta' S.13.

42. Prodott gross domestiku [1A.42] hija ugwali għal prodott gross domestiku (B.1*g) fil-prezzijiet tas-suq.

43. Prodott gross domestiku bi prezzijiet kostanti [1A.43] hija ugwali għal prodott gross domestiku (B.1*g) bi prezzijiet kostanti.

44. Investiment tal-gvern bi prezzijiet kostanti [1A.44] hija ugwali għall-formazzjoni ta' kapital fiss gross (P.51), irreġistrat fost bidliet fl-assi ta' S.13, bi prezzijiet kostanti.

Tabella 1B

1. Ħlasijiet minn Stat Membru lill-baġit ta' l-UE [1B.1] hija ugwali għal taxxi indiretti li jridu jiġu rċevuti mill-baġit ta' l-UE miżjuda bil-kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) li trid titħallas mill-gvern lill-baġit ta' l-UE [1B.4] miżjuda bi trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit ta' l-UE [1B.5] miżjuda bi trasferimenti kapitali (D.9) li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit ta' l-UE [1B.7].

2. Taxxi indiretti li jridu jiġu rċevuti mill-baġit ta' l-UE [1B.2] hija ugwali għal taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet (D.2) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.212.

3. Taxxi indiretti li huma VAT rċevuta mill-baġit ta' l-UE [1B.3] hija ugwali għal taxxi tat-tip fuq il-valur miżjud (D.211) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.212.

4. Kooperazzjoni internazzjonali kurrenti li trid titħallas mill-gvern lill-baġit ta' l-UE [1B.4] hija ugwali għal ko-operazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) imniżżla fost ir-riżorsi ta' S.212 u użu ta' S.13.

5. Trasferimenti kurrenti mixxellanji li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit ta' l-UE [1B.5] hija ugwali għal trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.212 u użu ta' S.13.

6. Trasferimenti kurrenti mixxellanji li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit ta' l-UE li huma r-raba' riżors proprju ta' l-UE [1B.6] hija ugwali għar-raba' riżors proprju bbażat fuq il-PGN (ESA 95 paragrafu 4.138) irreġistrat bħala trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) fost riżorsi ta' S.212 u użu ta' S.13.

7. Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-gvern lill-baġit ta' l-UE [1B.7] hija ugwali għal trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu (D.9) irreġistrati fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u rreġistrati bħala trasferiment kapitali li jrid jiġi rċevut minn S.212.

8. Infiq ta' l-UE fi Stat Membru [1B.8] hija ugwali għal sussidji (D.3) li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE [1B.9], miżjuda bi trasferimenti kurrenti (D.7) li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lill-gvern [1B.10], miżjuda bi trasferimenti kurrenti (D.7) li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lil unitajiet mhux governattivi [1B.11], miżjuda bi trasferimenti kapitali (D.9) li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lill-gvern [1B.12], miżjuda bi trasferimenti kapitali (D.9) li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lil unitajiet mhux governattivi [1B.13].

9. Sussidji li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE [1B.9] hija ugwali għal sussidji (D.3) rreġistrati fost ir-riżorsi ta' S.212.

10. Trasferimenti kurrenti li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lill-gvern [1B.10] hija ugwali għal kooperazzjoni internazzjonali kurrenti (D.74) u trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) imniżżlin fost ir-riżorsi ta' S.13 u użu ta' S.212.

11. Trasferimenti kurrenti li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lil unitajiet mhux governattivi [1B.11] hija ugwali għal trasferimenti kurrenti mixxellanji (D.75) irreġistrati fost użu ta' S.212 u riżorsi tas-setturi kollha għajr S.13.

12. Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lill-gvern [1B.12] hija ugwali għal trasferimenti kapitali li jridu jiġu rċevuti (D.9) irreġistrati fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13 u fost bidliet fl-assi ta' S.212.

13. Trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu mill-baġit ta' l-UE lil unitajiet mhux governattivi [1B.13] hija ugwali għal trasferimenti kapitali li jridu jitħallsu (D.9) irreġistrati fost bidliet fl-assi ta' S.212 u bidliet fil-valur passiv u nett tas-setturi kollha għajr S.13.

14. Dħul nett mill-baġit ta' l-UE [1B.14] hija ugwali għad-dħul nett tal-gvern mill-baġit ta' l-UE miżjuda bid-dħul nett ta' unitajiet mhux governattivi mill-baġit ta' l-UE.

15. Spejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprji [1B.15] huma dik il-parti tal-produttività tas-suq (P.11) imniżżla fost ir-riżorsi ta' S.13 iġifieri l-ispejjeż tal-ġbir tar-riżorsi proprji imħallsa mill-baġit ta' l-UE.

Tabella 1Ċ

1. Infiq fuq il-konsum finali [1Ċ.1] hija ugwali għall-infiq fuq il-konsum finali (P.3) irreġistrat fost użu ta' S.13.

2. Infiq fuq il-konsum individwali [1Ċ.2] hija ugwali għall-infiq fuq il-konsum individwali (P.31) irreġistrat fost użu ta' S.13.

3. Infiq tal-konsum kollettiv [1Ċ.3] hija ugwali għall-infiq tal-konsum kollettiv (P.32) irreġistrat fost użu ta' S.13.

4. Kumpens ta' l-impjegati [1Ċ.4] hija ugwali għal [1A.27].

5. Konsum intermedju [1Ċ.5] hija ugwali għal [1A.29].

6. Trasferimenti soċjali mhux fi flus fornuti permezz ta' produtturi tas-suq [1Ċ.6] hija ugwali għal trasferimenti soċjali mhux fi flus relatati ma' l-infiq fuq prodotti fornuti lid-djar permezz ta' produtturi tas-suq (D.6311 + D.63121 + D.63131) irreġistrati fost użu ta' S.13.

7. Konsum ta' kapital fiss [1Ċ.7] hija ugwali għall-konsum ta' kapital fiss (K.1) irreġistrat fost bidliet fil-valur passiv u nett ta' S.13.

8. Taxxi fuq il-produzzjoni mħallsa nieqes is-sussidji rċevuti [1Ċ.8] hija ugwali għal ħlasijiet ta' taxxi oħra fuq il-produzzjoni (D.29) irreġistrati fost użu ta' S.13, nieqes id-dħul minn sussidji oħra fuq il-produzzjoni (D.39) rreġistrati fost l-użu ta' S.13.

9. Bilanċ nett tat-tħaddim [1Ċ.9] hija ugwali għal bilanċ tat-tħddim nett (B.2n) ta' S.13.

10. Bejgħ [1Ċ.10] hija ugwali għal [1A.20].

11. Infiq fuq il-konsum finali bi prezzijiet kostanti [1Ċ.11] hija ugwali għal infiq fuq il-konsum finali (P.3) irreġistrat fost użu ta' S.13 bi prezzijiet kostanti.

Tabella 2A

1. Defiċit (–) jew bilanċ (+) [2A.1] hija ugwali għal [1A.1].

